KUNSILL LOKALI                                                                 LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 002/2021**

18 ta' Frar 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

## UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### 2.1 Qari ta' ittri ta' apologija

2.1.1 Il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett baghtet e-mail li permezz taghha talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghha mis-seduta ghal ragunijiet ta' studju. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jigi meqjus bhala gustifikat

### 2.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

2.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 1/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

2.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

2.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

### 2.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-5 ta' Frar 2021 kienen inzammet laqgha virtwali b'konnessjoni mal-progett slow streets li matulha gew diskussi problemi fil-lokalita' u zoni pedonali.

2.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi nhar it-12 ta' Frar 2021 kiene inzammet laqgha bejn il-Kunsill Lokali u l-kordinaturi ta' Cospicua Short Play Festival li matulha giet diskussa l-attivita' li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jtella' fl-2021. Il-Materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa f'aktar dettall aktar tard waqt l-istess seduta.

2.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi minn nhar il-Gimgha 22 ta' Jannar 2021, il-Kunsill Lokali beda jqassam ikel lil *cat feeders* li kienu jitimghu lill-qtates li ma kellhomx kenn.

2.3.4 Is-Sindku informat lill-Kunsill Lokali illi nhar it-18 ta' Jannar 2021 inzammet laqgha mal-Ispettur stazzjonat fl-ghassa ta' Bormla li matulha gew diskussi diversi materji relatati maz-zamma tal-ordni u infurzar.

2.3.5 Is-Sindku sahqet illi nhar il-15 ta' Jannar 2021 inzammet laqgha li matulha gie introdott lill-Kunsill Lokali il-kuncett ta' *community policing* li kien hemm il-pjan li jigi varat fil-Kottonera.

2.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienet giet implimetata *raised pedestrian crossing* fi Triq l-Immakulata u li kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex isir progett simili fi Triq San Pawl.

2.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti b'diskussjonijiet li kienu ghaddejjin b'konnessjoni ma' applikazzjoni sabiex minn Malta tinghazel il-belt kapitali ewropeja tal-Kultura.

## 2.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

2.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista' l kunsill jinforma liema huma it toroq li ser jigu installati il-fanali w indikazzjoni meta?"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : " Skont decizjoni mehuda mill-Kunsill Lokali fanali ornamentali ser jigu installati fis-segwenti toroq : Triq Verdala, Triq il-Pellegrinagg, Triq Nelson, Misrah Bormla, Parti minn Triq Erin Serracino Inglott, parti minn Triq Wigi Rosato u parti minn Suq Bonnici. Il-Kusill Lokali qieghed jiddiskuti materji teknici mal-Awtorita' tal-Ippjanar peress illi parti mill-fondi ghall-progett ser ikunu qieghdin jaslu mill-programm *Development Planning Fund*. Hekk kif ikun hemm qbil tinhareg sejha ghall-offerti ghax-xogholijiet".

2.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : " Jista l-Kunsill jelenka liema huma t-toroq addizzjonali li talab biex jigu irrangati ma dik skedata fl-area ta santa Margerita?
Is-Sindku wiegbet: "Id-diskussjonijiet ma' Infrastructure Malta ghadhom ghaddejjin. L-informazzjoni mtiluba ma' tistax issir pubblika f'dan l-istadju. Madanakollu lesta li ninfurmakom b'mod informali aktar 'il quddiem".

2.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: " Jista l-Kunsill jispjega ghaliex jien ma gejtx infurmat b'laqgha li kien hawn gewwa l ufficini tal kunsill ma ufficjali tal pulizija li jirigwardja dekasteru tieghi?"
Is-Sindku wiegbet : "Il-laqgha in-kwistjoni ma ssejhitx mill-Kunsill Lokali izda giet mitluba minn rapprezentanti tal-Korp tal-Pulizija li ghamluha cara illi kellhom il-htiega li jiltaqghu mas-Sindku u mas-Segretarju Ezekuttiv.

2.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : " Jista l kunsill jinforma fejn waslu diskusjonijiet ghal Zebra crossing fi Triq San Nikola (nahseb li ghadda zmien bizzejjed biex tigi rizolta)?."
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Il-Kunsill Lokali talab illi ssir pedestrian crossing minhabba periklu ghall-pedonali. Transport Malta harget l-awtorizzazzjoni mehtiega u saret talba lil Infrastructure Malta sabiex il-materja tigi implimentata. Ghaldaqstant, min-naha tal-Kunsill Lokali gie ezawrit il-process kollu u jonqos illi l-awtoritajiet jimplimentaw il-materja."

## 2.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

2.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru02/21) ghall-approvazzjoni.

2.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

2.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Jannar 2021.

2.5.4 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**2.6 Mozzjonijiet ( Mozzjoni numru 1/2021, 2/2021, 3/2021, 4/2021)**

2.6.1 *Mozzjoni numru 01/2021*

Gentilment qed inressaq din il mozzjoni biex triq Fuq San Pawl li parti li qeda wara l white cross pharmacy tigi one way, jigifieri dhul min naha tal knisja ta San Pawl. Dan wara diversi lmenti li qed ikun hemm vetturi li biex immorru naha ta l Isla qed jghaddu wrong way. Pjanta annessa.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Melanie Agius

Fuq talba tal-Kunsillier Johann Scerri talab illi skont art 3(2) tas-Sitt skeda tal-att dwar il-Gvern Lokali jigu rregistrati l-voti li kienu s-segwenti :

Alison Zerafa Civelli - Favur
Marco Agius - Favur
Martin Vella - Favur
Melanie Agius - Favur
James Cauchi - Favur
Johann Scerri - Kontra

Il-mozzjoni giet approvata b'hames voti favur u vot wiehed kontra.

2.6.2 *Mozzjoni numru 02/2021*

Gentilment qed inressaq din il- mozzjoni biex issir access adekwat fi Triq l- Immakulata ezatt taht il mina li twasslek ghal Fgura. F'din il parti imsemmija hawn fuq jghaddu hafna nies bil konsegwenza li jista jsir incident peress li ma hemmx bankina w lanqas tista ssir. Ghalhekk qed nitlob il-Kunsill biex jikkunsidra passagg min hdejn l istess mini li min informazzjoni li ghandi kien jezisti. Pjanta annessa

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Alison Zerafa Civelli

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

2.6.3 *Mozzjoni numru 03/2021*

Gentilment qed inressaq din il mozzjoni biex triq ta quddiem il kunsill tigi one way direzzjoni il barra b'eccezzjoni ghal ambulanza biex ikollha access ghad dar ta l-anzjani. Pjanta annessa.

Proponent : Martin Vella
Sekondant :

Is-Sur Martin Vella ressaq proposta ta' emenda sabiex mill-mozzjoni titnehha l-kelma 'ambulanza' u minflokha jiddahhlu il-kliem '*heavy vehicles'*

Is-Sindku ssekondat il-proposta ghal emanda u kien hemm votazzjoni unanima.

Is-Sur Martin Vella ressaq kunsiderazzjoni dwar il-mozzjoni emendata. Is-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondat. Kien hemm votazzjoni unanima.

2.6.4 *Mozzjoni numru 04/2021*

Gentilment qed inressaq din il -mozzjjoni biex bhal hafna bliet u rhula nnaqqsu kemm jista jkun it-traffiku minn goc-centru tal-belt taghna, ghalhekk qed nipproponi li naghmlu studju ma' entitajiet kompetenti biex,

**Pjan A,**

Triq Dom Mintoff tigi one way, direzzjoni naha tal BOV. B'eccezzjoni ghat transport publiku.

**Pjan B**

Triq santa Tereza min ftit il fuq mil knisja ta Santa Tereza sa kantuniera ma triq John Pace tigi one way direzzjoni skola primarja B'eccezzjoni ghat transport publiku. Pjanti relevanti annessi

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Alison Zerafa Civelli

Fuq talba tal-Kunsillier Johann Scerri talab illi skont art 3(2) tas-Sitt skeda tal-att dwar il-Gvern Lokali jigu rregistrati l-voti li kienu s-segwenti :

| | | |
|---|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | - | Favur |
| Marco Agius | - | Favur |
| Martin Vella | - | Favur |
| Melanie Agius | - | Astensjoni |
| James Cauchi | - | Astensjoni |
| Johann Scerri | - | Kontra |

Il-mozzjoni giet approvata bi tliet voti favur, zewg astensjonijiet u vot wiehed kontra.

## 2.7 Sejhiet ghall-offerti /kwotazzjonijiet

2.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghar-rigenerazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi wara li kien sar kuntatt mal-kuntrattur li kien issottometta l-offerta, hekk kif legalment stabbilit kienet giet ipprezentata garanzija bankarja u kienet giet iffissata data sabiex jigi ffirmat il-kuntratt tax-xogholijiet u ssir spezzjoni fuq is-sit. Ghal-laqgha kellhom ikunu prezenti rapprezentanti tal-Kunsill Lokali, il-perit tal-Kunsill Lokali u l-kuntrattur innifsu.

2.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi f'Ottubru 2021 kien ser ikun qieghed jiskadi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ghat-tindif u knis ta' toroq. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi ghaldaqstant, kienet qieghda tipproponi illi l-Kunsill Lokali iniehdi l-process sabiex tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid ghas-servizz imsemmi. Wara diskussjoni libera, filwaqt li kien hemm qbil illi kellu jigi avvjat il-process hekk kif propost, gie deciz illi kellu jkun hemm diskussjoni fid-dettall dwar is-sejha ghall-offerti in-kwistjoni f'seduti segwenti.

## 2.8 Rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru – Dicembru 2020

2.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif legalment stabbilit kien thejja r-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru - Dicembru 2020 u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tar-rapport li poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali

2.8.3 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall l-imsemmi rapport u wiegeb ghal mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsillera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Johann Scerri issekondat mis-Sa. Melanie Agius u b'votazzjoni unanima, ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru - Dicembru 2020 gie approvat hekk kif imressaq.

## 2.9 Financial Statements ghas-sena 2020

2.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif legalment stabbilit, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-accountant kienet hadmet bil-ghan illi jigi mhejji abbozz ta' financial statements ghas-sena 2020, liema dokument gie mpoggi fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall id-dokument imressaq.

2.9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-financial statements ghas-sena 2020 li kien thejja. Huwa sahaq kif is-sitwazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet wahda stabbli u kien gie rrapurtat titjib fuq is-sena precedenti.

2.9.3 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb mistoqsijiet li sarulu mill-kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Martin Vella ssekondata mis-Sur Marco Agius, b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali approva l-financial statements ghas-sena 2020 hekk kif imressqa.

**2.10 Skema SPI/C/3/2021 – (Skema ghall-attivitajiet kulturali annwali 2021)**

2.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien habbar skema numbru SPI/C/3/2021, liema skema kienet tikkoncerna attivitajiet kulturali annwali ghas-sena 2021. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali u s-Sinjuri Marco Agius u Johann Scerri kienet hadmet sabiex tigi mfassla applikazzjoni illi kemm il-darba tigi milqugha tippermetti illi jittella' ghar-raba' sena il-Cospicua Short Play Festival.

2.10.2 Wara li inqraw il-kriterji li kienet tistabbilixxi l-iskema u inghataw dettalji tal-applikazzjoni li kienet giet abbozzata, bi qbil unanimu, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jissottometti l-applikazzjoni hekk kif imressqa.

2.11 **Skema SPI/C/7/2021 – Espressjoni ta' interess – *Smart Solutions* ghall-Immaniggjar tal-Iskart.**

2.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien habbar skema numbru SPI/C/7/2021, liema skema kienet tikkoncerna espressjoni ta' interess b'konnessjoni ma' mmaniggjar ta' skart. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, flimkien mal-Perit u l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadmet sabiex tigi mfassla applikazzjoni illi kemm il-darba tigi milqugha tippermetti illi f'zewg zoni fil-lokalita' tigi implimentata sistema ta' kontenituri tal-iskart taht il-livell tat-triq.

2.11.2 Wara li s-Sindku ghaddiet dettalji tal-iskema hekk kif mahruga u tal-abbozz tad-dokument li kien thejja, inkluz stimi li kienu thejjew mill-perit, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu qabel illi kellha tigi sottomessa applikazzjoni skont id-dokument li kien gie mhejji.

**2.12 Gbira ta' skart riciklabbli**

2.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien hemm il-htiega illi tintbaghat stedina liz-zewg skemi registrati sabiex l-istess skemi jigu mhegga jissottomettu l-offerti taghhom ghall-gbir ta' hgieg u skart riciklabbli.

2.12.2 Wara li s-Sindku spjegat id-dettalji tal-progett, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat korrispondenza liz-zewg skemi li permezz taghha jkun hemm stedina sabiex tigi sottomessa offerta. Il-Kunsill Lokali qabel illi l-istess stedina kellha theggeg liz-zewg skemi sabiex jikkunsidraw il-possibilita' illi joffru zewg kollezzjonijiet fil-gimgha ( ta' skart riciklabbli).

**2.13 Risk Assessment – Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali**

2.13.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali risk assessment li kien sar minn kumpanija indipendenti. L-istess risk assessment kien gie kkummissjonat mill-Kunsill Lokali. Wara li inqraw dettalji mill-imsemmi rapport u rakkomandazzjonijiet li kienu

qieghdin jigu proposti, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jkompli jahdem sabiex ikun konformi mal-istandards stabbiliti.

**2.14 Sistema ta' permessi online**

2.14.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet ma' kumpanija li kienet qieghda tipprovdi sistema li permezz taghha l-permessi tal-Kunsilli Lokali ikunu jistghu jinhargu minn fuq l-internet, kemm mill-klijenti kif ukoll mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali. Wara li inghataw dettalji tas-sistema, kien hemm diskussjoni libera dwar kif l-istess sistema setghet tigi adottata u operata mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi kellha tinxtara s-sistema msemmija (b'xi *add-ons eskluz public permit list veiw* u *operator signature*).

**2.15 Grawnds Peppi Delceppo**

2.15.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif diskuss aktar kmieni waqt l-istess seduta, kien fi stadju avvanzat il-process sabiex jigi ffirmat il-kuntratt b'konnessjoni ma' progett li l-istess Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi kienet ser tkun qieghda zzomm lill-Kunsilliera aggornati dwar il-materja.

**2.16 Write Offs (fixed assets register)**

2.16.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet b'mod regolari twettaq xogholijiet fuq il-*fixed assets register* li kellu l-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet ghid illi bhala parti mill-imsemmija hidma, kien sar ezercizzju li permezz tieghu kien qieghed jigi rrakkomandat illi numru ta' assi li ma kienux ghadhom joperaw jew li kienu qieghdin jigu mibdula. Wara li lista tal-imsemmija assi giet mghoddija lill-Kunsilliera u inghataw dettalji, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel write-off tal-assi li jinsabu fil-lista, liema lista tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

2.17 Rapporti

2.17.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet gabret stimi ghal cordless driller. Wara li gew moqrija d-dettalji tal-istimi migbura, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaccetta l-orhos stima fost hamesofferti li kienu waslu, liema offerta kienet tammonta ghal Ewro160.

2.17.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet gabret stimi ghal xiri ta' pjanti tat-tip 'Crown of thorns'. Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri hamsin pjanta tal-imsemmi tip ghal qsari li kien hemm fi Triq Alessandra. Il-pjanti kellhom jinxtraw minghand offerent li kien ikkwota l-prezz ta' zewg ewro ghal kull pjanta, liema offerta kienet l-orhos fost erba' stimi migbura.

2.17.3 Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi stimi li kienu ingabru b'konnessjoni ma' progett li kien gie propost li jigi implimentat f'Bacir Numru 1 (monument tal-artist Joseph Casha). Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jiccekkja sorsi ta' finanzjament permezz ta' terzi.

2.17.4 Il-Kunsill Lokali gie pprezentat b'dokumentazzjoni relatata ma' progett li kien qieghed jigi evalwat ghal gibjun li kien hemm fi Triq l-Immakulata. Wara li l-Kunsill Lokali inghata dettalji ta' kif kien qieghed jitfassal il-progett mill-Kunsillier Johann Scerri, kien hemm qbil illi kellha tinzamm laqgha bejn il-partijiet bil-ghan illi tittiehed decizjoni dwar it-triq il-quddiem.

2.17.5 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellux jilqa' talba li kienet waslet minghand kumpanija sabiex jittellghu korsijiet ta' ECDL online mill-kumpanija TCTC.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jakkwista kopja tal-ktieb 'Il-pultruna li titbandal' minghand l-awtrici Maria Camilleri ghal l-librerija tal-lokalita'.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsillier Martin Vella kellu jaghmel kuntatt ma' resident ta' Triq il-Mithna b'konnessjoni ma' abbuzi ta' sewqan fi Triq il-Mithna u l-madwar.
- B'konnessjoni mal-inizjativa 'Earth Hour 2021' gie deciz illi nhar is-Sibt 27 ta' Marzu 2021 bejn it-8:30p.m. u d-9:30p.m. jintefa' d-dawl tal-bieb ta' Santa Liena.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezent illi l-Kunsillier Johann Scerri kellu jipproponi proposta b'aktar dettall (hekk kif ikun disponibbli) dwar kompetizzjonijiet ta' pittura, skultura u fotografija li kien qieghed jipproponi li jorganizza l-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsillier Martin Vella flimkien mas-Sindku kellhom jispezzjonaw Triq Wigi Rosato u jaghzlu bejn tliet proposti li Transport Malta kienet baghtet b'konnessjoni ma' *traffic calmer* li kien qieghed jigi ppjanat li tigi installata fl-istess triq.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'LCPPN16 mahruga mid-Dipartiment tal-kuntratti b'konnessjoni ma' sejhiet ghall-offerti ghall-knis ta' toroq.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'e-mail dwar Fondi ta' Aggustament ghas-sena 2021 li kienet waslet minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u risposta li kien ser ikun qieghed jipprovdi l-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil illi kellhom jitpoggew zewg qsari fuq bankina fi Triq l-Immakulata, sabiex jigi evitat illi jsir parkegg minn vetturi.
- Kien hemm qbil illi kellu jkun hemm kunsiderazzjoni dwar monument li kien hemm fi Triq l-Inkoronazzjoni u li kien waqa' kawza tal-maltemp. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali kellu jircievi proposti minghand il-Kunsilliera dwar it-tip u materjal ta' monument li kellu jerga' jigi installat.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob lil MTIP sabiex kemm il-darba jkun possibbli haddiema li kienu qieghdin jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fuq cint

fi Triq Alessandra iwettqu xoghol ta' manutenzjoni wkoll fuq cint li kien hemm fi Triq Rikkardo Taylor.

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal spiza ta' Ewro 552.21 ( eskluz installazzjoni) bil-ghan illi tigi installata charging point ghall-vetturi elettrici tal-Kunsill Lokali xf'bitha li kienet qieghda tintuza mill-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tintbaghat ittra li permezz taghha Dr. Joseph Chetcuti kellu jkun infurmat illi talba sabiex tintehha parking bay li kien hemm fi Triq il-Kuncizzjoni ma kenitx ser tigi milqugha ghall-fatt illi kemm il-darba jitnehha l-parkegg xorta wahda ma kienx ser ikun hemm access ghat-triq.
- Wara li s-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'korrispondenza li kienet waslet minghand rapprezentant tal-korp tal-pulizija b'konnessjoni ma' xiri ta' e-bikes u vetturi ghall-ufficjali li kienu ser ikunu qieghdin iwettqu xoghol ta' community policing, gie deciz illi kellu jkun hemm konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali tal-Kottonera dwar il-materja.
- Kien hemm qbil illi kellu jkun hemm konsultazzjoni mal-garaxx ta' haddiema tal-Gvern fi hdan l-MTIP b'konnessjoni ma' bollards li kien hemm il-htiega li jinxtraw ghal Pjazza Santa Margerita.

**2.18 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

2.18.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-11 ta' Marzu 2021 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>11 ta' Marzu, 2021.</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |